7 ta' Lulju 2016
57/2016

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL XI POSTIJIET VAKANTI**
**FL-ISKEJJEL SEKONDARJI TAL-KNISJA TAS-SUBIEN – DĦUL 2016-2017**

Il-Bord għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja ser jilqa' applikazzjonijiet għal numru ta' postijiet vakanti għas-subien, fl-ewwel sena sekondarja (Form 1), fis-sena skolastika 2016-2017, fil-Kulleġġ ta' St Albert, il-Belt Valletta, u l-Kulleġġ ta' Stella Maris, il-Gżira. L-applikazzjonijiet isiru nhar it-Tlieta, 12 ta' Lulju 2016, fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana, bejn id-9:00 a.m. u nofsinhar.

Jekk jirriżulta li jkun hemm postijiet vakanti fi skejjel oħra tal-Knisja, li ma jimtlewx minn dawk li huma fuq il-lista ta' stennija (*waiting list*), jintużaw dawn l-applikazzjonijiet.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu skont dawn il-kriterji: Studenti skont l-ewwel kriterju, jiġifieri tad-Djar tal-Knisja, aħwa, ulied ta' impjegati fi skola tal-Knisja u *transfers*, u skont it-tielet kriterju, jiġifieri applikanti oħra. Għal dawn il-postijiet mhumiex applikabbli każijiet serji.

L-applikanti għall-ewwel sena sekondarja jridu jkunu twieldu fis-sena 2005. Min se japplika għandu jippreżenta dawn id-dokumenti: Il-Kattoliċi jippreżentaw ċertifikat tal-Magħmudija (oriġinali, u mhux fotokopja); ċertifikat tat-twelid (tal-Insinwa) tat-tifel (oriġinali, u mhux fotokopja); tintwera l-Karta tal-Identità ta' missier jew omm it-tifel, mhemmx bżonn ta' fotokopja; ritratt tat-tifel (daqs ta' passaport). Jekk il-ġenituri huma separati jeħtieġ id-dokument riċenti li jindika l-kustodja tat-tfal. Il-ħlas għall-applikazzjoni huwa ta' €15. Aktar dettalji fir-Regolamenti tad-Dħul li jinsabu fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta: www.thechurchinmalta.org.

Dan il-proċess ser jitmexxa skont ir-Regolamenti tad-Dħul. Il-polza tal-applikanti ser issir nhar il-Ħamis, 14 ta' Lulju 2016, fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana. Il-polza tibda fl-10.00 a.m. Immedjatament wara ssir ir-reġistrazzjoni tat-tfal, għaldaqstant huwa importanti li l-ġenituri jkunu preżenti għall-polza.

F'kaz ta' diffikultà wieħed jista' iċempel 27790077 jew 27790060.